Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 195/2016

Il-Pulizja

Spettur T. Micallef

Spettur N. Sant

Vs

**Bernard Briffa**

Stephen Catania

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Bernard Briffa detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 347984 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'San Giljan fl-14 ta' Frar, 2010 ghal habta tal-04.30am:-

1. Dolozament bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe', omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Luca Di Mauro u Ricardo Miano, jew li jqieghdu l-hajja taghhom f'periklu car, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esukuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

2. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Luca Di Mauro u Ricardo Miano f'periklu car ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha taghhom jew gabulhom dizordni f'mohhhom, liema offizi gravi kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;

3. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl, volontarjament kissru l-bon ordni jew il-paci pubblika, b'ghajjat u bil-glied;

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel hadmu jew kienu mpjegati bhala gwardjani privati minghajr licenzja ta' l-awtorita' konpetenti.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. 41(1)(a), 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 214 u 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
4. 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Marzu, 2016, fejn il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni inkluz in-natura tar-reati li taghom qed jinstabu hatja u l-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati.

Illi inoltre hadet in konsiderazzjoni l-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li f'kaz ta' griehi ta' natura gravi fit-termini ta'l-artikolu 216 l-piena ghandha tkun ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma sabetx lill-imputati hatja ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom u illiberatom minnhom, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom u ikkundannathom xahrejn prigunerija ghat-tieni u ghat-tielet imputazzjoni u multa ta' elf Euro (€1,000) ghar-raba imputazzjoni. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil kull wiehed mill-imputati biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' €147.45 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'esperti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Bernard Briffa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, thassar u tikkancella s-sentenza moghtija nhar is-7 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, fin-nuqqas tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel akkuza, tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tar-rimanenti akkuzi 2, 3 u 4, timmodifikaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal piena ta' xahrejn prigunerija effetti oltre l-multa ta' elf (1000) Ewro u tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Bernard Briffa huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti prodotti quddiemha u kif ukoll tal-ligi.

Illi jibda sabiex jinghad illi d-difiza gia kellha l-opportunita` telenka diversi nuqqasijiet fl-istadju investigattiv ta' dawn il-proceduri, nuqqasijiet li effettivament ftit li xejn ihalliu s-serhan tal-mohh li jippermetti lil Qorti tasal ghal gudizzju san, uhud minn dawn in-nuqqasijiet ser jigu mill-gdid trattati f'din l-istanza.

Illi mill-ewwel jinghad li xhud krucjali ghad-diviza u wara kollox ghall-ahjar ricerka tal-verita`, kienet certa Nicky McDougall – persuna estera ta' generu femminili, possibilment l-unika xhud okkulari u kompletament estranea ghall-incident li tkelmu maghha l-ufficjali tal-Pulizija a tempo vergine, u dan minkejja l-fatt li l-incident issucceda fl-aktar parti frekwentata ta' Paceville fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Hadd.

Illi per sfortuna, u ghal ragunijiet li jafuhom biss l-ufficjali investigattivi, din l-istess xhud ma tresqet qatt sabiex tiddeponi. Illi madanakollu jirrizulta mill-atti illi l-istess McDougall, darba fuq il-post, kienet qalet lill-ufficjali tal-Pulizija li s-*securities* li kienu involuti f'din ir-rissa kienu dawk impjegati mill-istabbiliment *Steam*, stabbiliment li mieghu, l-imputati ma kellhom x'jaqsmu bl-ebda mod. Jirrizulta wkoll mill-atti li fuq l-iskorta ta' din l-informazzjoni PC1468 gabar id-dettalji tal-impjegati ta' *Steam* wara li skond l-informazzjoni li inaghta, l-incident kien origina mill-istabbiliment *Steam* u li kien jinvolvi diversi *securities*.

Illi umbaghad jirrizulta wkoll illi kienu gew arrestati u mizmuma diversi persuni impjegati fiz-zewg stabbiliment, *ossia* l-istabbiliment *Clique*, u l-istabbiliment *Steam*, madwar hdax-il persuna. Minkejja dan, jirrizulta wkoll illi ghal xi raguni jew ohra, saret *Identification Parade* u bl-akbar sorpriza ghad-difiza u b'mossa ghal kollox

inspjjegabbli ghal din in-naha, fl-istess *parade* ma gewx utilizzati s-*securities* li kienu fuq il-post fil-lejl tal-14 ta' Frar 2010 gia arrestati u li possibilment, anzi probabbilment, kienu involuti fl-istess incident – izda minflok, l-imputati gew mixhuta f'nofs numru ta' ufficjali tal-Pulizija. Bid-dovut rispett jinghad illi minkejja li l-ligi ma tipprovdix dwar kif dan l-ezercizzju ghandu jsir, din ma kienet xejn hlief ezercizzju suggestiv ghall-ahhar u wiehed li certament imur kontra kull spirtu li fih trid issir *Identification Parade*.

Illi konsegwentement il-partijiet leza, Luca Di Mauro u Riccardo Miano, identifikaw lill-imputati bhala l-persuni li kienu involuti fil-glieda *de quo* – jinghad b'responsabbilita` li mghandna l-ebda ufficjal iehor akkuzat ghas-semplici raguni li l-ebda ufficjal iehor ma tqieghed ghall-identifikazzjoni.

Illi f'dawn il-proceduri xehedu wkoll l-partijiet leza, Luca Di Mauro u Riccardo Miano, xhieda orkestrati ghall-ahhar li minkejja kull tentattiv taghhom taw xiehda li ma hija korroborata mill-ebda xhud iehor u li ghandha diversi inkonsistenzi.

Illi d-difiza indubjament ser ikollha ampja opportunita` sabiex tamplifika dwar dawn l-inkonsistenzi izda in succinct, Miano jinsisti dwar kemm dan l-incident kien wiehed vjolenti u dwar il-fatt li huwa hass li b'dak li kien sofra, l-aggressuri tieghu riedu effettivament jikkagunaw il-mewt, u li kien biss l-isptar li huwa gie lura ghas-sensi tieghu, li ma kienx f'sensih meta huwa beda jaqla` bil-ponn u bis-sieq, u li kien hemm numru ta' *securities* involuti fl-incident *in desamina*.

Illi minkejja dan, permezz tat-tezi tieghu Miano jittanta jikkonvinci dawn il-Qrati illi filwaqt illi huwa kien qieghed jaqla dawn id-daqqiet kollha, f'hin minnhom huwa rkupra s-sensi tieghu, gharaf lil Briffa bhala wiehed mill-aggressuri tieghu, rega` ntilef minn sensih u sussegwentement sab ruhu l-isptar – dan kollu wara li inaghta

d-daqqa ta' ponn inizjali mill-persuna li kien qieghed jeskortah mill-*Clique* li skond l-istess xhieda tilfitu minn sensih.

Illi jidher bic-car li huwa prattikament impossibbli tistabilixxi min ta liema daqqa u li x-xhieda ta' Miano ma hija konsistenti xejn u lanqas ma hija kredibbli. Meta wiehed jiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-istess xhud gie ccertifikat bhala *heavily intoxicated* appena huwa dahal l-isptar, u l-fatt li skond ix-xhieda tieghu stess huwa kien mitluf minn sensih xhin identitifika lill-imputat Briffa fuq il-post waqt l-incident, huwa impossibbli ghal Qorti li tasal ghal konvinciment morali rikjest fi proceduri kriminali ghal sejbien ta' htija.

Illi lanqas ma hija konsistenti x-xhieda ta' Di Mauro li minkejja t-tentattivi tieghu li jghin lil siehbu fit-testimonjanzi li taw, ma jidentifika bl-ebda mod min ta liema daqqiet u l-involviment specifiku tal-imputati f'dan l-incident kollu u ghalhekk lanqas din ix-xhieda mghandha twassal ghal htija tal-imputat Briffa.

Illi umbaghad il-kredibilita` tal-partijiet leza tkompli tixxejjen permezz ta' dak li xehed Christian Spiteri, nurse li attenda fuq il-post flimkien mal-ambulanza. Illi l-istess Spiteri xehed fis-sens illi appena wasal fuq il-post, Miano u Di Mauro kienu f'sensihom, lucidi, u li setghu jikkomunikaw facilment u li kienu qieghdin jitkellmu bejniethom – <u>li sahansitra mxew wehedhom u dahlu gewwa l-ambulanza inassistiti</u>, dan kollu f'hin illi Miano jghid li kien mitluf minn sensih.

Illi jidher bic-car li fit-tentattiv taghhom biex joskuraw lill-imputati u jaghtu l-kulur lit-tezi taghhom, kienu qieghdin biss jimminaw il-kredibilita` taghhom stess u xejn aktar!

Illi fl-isfond ta' dan kollu u f'din ix-xhieda konflingenti ta' episodju minnu nnifsu kaotiku, dina l-Onorabbli Qorti ma tistax b'serenita` tikkonkludi li l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat Briffa gew ipprovati. Dan aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra wkoll il-fatt illi lanqas il-footage ta' CCTV, mehud minn diversi angoli u diversi stabbilimenti ma juri lill-appellant Briffa jaghmel dak li effettivament qieghed jigi akkuzat bih.

Illi fic-cirkostanzi, in mankanza ta' footage li jistabilixxi min effettivament ikkaguna l-feriti li kellhom l-partijiet leza f'dawn il-proceduri, fin-nuqqas ta' xhieda okkulari indipendenti minkejja l-fatt li l-incident issucceda fl-aktar parti frekwentata gewwa Paceville, u fl-ambitu tax-xhieda ghall-ahhar inkonsistenti tal-vittmi Miano u Di Mauro li fuq l-iskorta taghhom dina l-Onorabbli Qorti ftit li xejn jista` jkollha l-konvinciment morali rikjest ghal sejbien ta' htija – id-difiza tistieden lil dina l-Qorti sabiex tikkonsidra l-fatti esposti mill-appellant Briffa fix-xhieda tieghu bhala veritieri.

Illi l-appellant jinsisti fix-xhieda tieghu illi r-responsabbilita` tieghu kienet gewwa l-istabbiliment *Clique*, jghid li kien ser jinqala` incident gewwa l-*club* u li kien ghalhekk li kellhom jintervjenu l-imputati. Min-naha l-ohra jinsisti li xoghlu kien biss fil-club u li eskorta lill-vittmi barra mill-istabbiliment u dak li gara barra huwa ma kellu x'jaqsam mieghu bl-ebda mod – dan f'hin wara l-erbgha ta' filghodu u appena l-*club* kien tefa` l-muzika u beda jaghlaq, f'hin sensittiv fix-xoghol tal-appellant Briffa li dak il-hin ried jigbor il-cash mill-barijiet tal-post.

Illi l-appellant xehed bl-aktar mod car u konsistenti u in mankanza ta' verzjoni li tikkontrasta dak li qieghed jghid huwa dina l-Onorabbli Qorti mghandhiex ragunijiet ghalfejn tiskarta l-istess, partikolarment fid-dawl ta' dak li jixhed Darren Vella, impjegat iehor tal-*club* li xehed li ra lill-appellant Briffa jeskorta lill-vittmi Miano u Di Mauro, u jinzel lura jkompli b'xoghlu.

Illi t-tieni aggravju huwa relatat mas-sejbien ta' htija fit-tieni akkuza u cioe, dik li permezz taghha l-imputati gew akkuzati talli *minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Luca Di Mauro u Ricardo Miano f'periklu car ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha taghhom jew gabulhom dizordni f'mohhhom, liema offizi gravi kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz.*

Illi jidher car li l-Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija f'din l-akkuza konsegwenti ghal punti li kellhom f'wicchom il-partijiet leza Miano u Di Mauro. Illi dwar dan madanakollu d-difiza tikkontendi li lanqas ma gie pprovat il-fatt li dawn il-punti effettivament hallew l-isfregju fil-wicc kif titlob il-gurisprudenza. Illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-konfort tezamina mill-gdid, snin wara l-incident jekk effettivament il-punti hallewx marki li jistghu jigu kkonsidrati bhala sfregju kif titlob il-ligi fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta – mhux kull lacerazzjoni fil-wicc tista` titqies bhala tali li twassal ghal fregju. Lanqas ma nistghu nghidu li kull marka fil-wicc hija sfregju u f'dan il-kaz, anke dik il-prova hija mankanti! Ghal din ir-raguni wehidha, din l-akkuza lanqas ma tista titqies ipprovata.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju jinghad ukoll illi minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat l-artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta dwar l'hekk imsejha rissa.

Illi f'pagna 15 tas-sentenza nsibu s-segwenti;

*"Illi f'dan ir-rigward huwa stabbilit f'l-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li meta fi glieda accidentali xi hadd isoffri griehi u ma jkunx jista' jigi stabbilit minn kien l-awtur ta'l-offiza, kull wiehed li jkun ha parti attiva*

*kontra l-offiz ghandu jirrispondi kif predispost f'dik l-imsemmija dispozizzjoni tal-Ligi. L-artikolu 237 mbaghad jistabilixxi piena differenti*

*f'kaz ta' htija a bazi tan-natura gravissima, gravi jew hafifa ta'l-offiza.*

*Illi ghalhekk it-tieni imputazzjoni tirrzulta sodisfacjentement pruvata b'dawn il-limitazzjonijiet."*

Illi bid-dovut rispett jinghad illi dan huwa ghal kollox skorrett u ma jsib l-ebda konfort fil-ligi.

Illi fin-nota ta' rinvija ghal gudizzju l-Avukat Generali mkien ma nkluda l-possibilita` li jigi applikat dan l-artikolu alternattiv ghall akkuzi magguri u *cioe*, dawk li permezz taghhom, l-imputati kienu qieghdin jigu akkuzati li kkagunaw il-feriti fuq il-persuni ta' Miano u Di Mauro.

Illi in mankanza ta' dan, u galadarba dan l-artikolu ma giex inkluz fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Ewwel Qorti setghet **biss** tevalwa x-xhieda prodotti u tasal ghal gudizzju a bazi ta' dik l-istess xhieda, u f'kaz li thoss li ma kienx hemm provi sufficjenti ghal dan, tillibera lill-imputat mill-istess!

Illi t-tielet aggravju huwa dak marbut mar-raba` imputazzjoni u cioe dik li permezz taghha l-appellant Briffa qieghed jigi akkuzat talli hadem jew kien impjegat bhala gwardjan privat minghajr licenzja ta' l-awtorita' konpetenti.

Illi hawn ghandu japplika l-principju bazilari li jigi pprattikat fi proceduri penali u li jitlob li l-prosekuzzjoni tressaq biss l-aqwa prova fir-rigward tal-imputazzjonijiet adebiti meta din tkun disponibbli.

Illi f'dan il-kaz id-difiza kienet tistenna li din kellha tkun rapprezentant tal-korporazzjoni ETC li jghid fil-prerjodu indikat Briffa liema xoghol kien qieghed jaghmel, jekk kien qieghed jahdem. Minkejja dan, u bl-akbar sorpriza ghad-diviza, il-prosekuzzjoni ttantat tasal ghal prova tar-raba` akkuza billi sejhet lil Ronnie Axisa li xehed fis-sens li l-imputat kien impjegat mieghu fil-customer care – minn imkien ma jirrizulta li l-appellant kien qieghed jahdem bhala *security*, tanto meno li kien qieghed jaghmel dan ix-xoghol minghajr il-licenzja kif mitlub mil-ligi!

Illi l-aggravju finali li l-appellant ser ikun qieghed iressaq ghal konsiderazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, u minghajr ammissjoni jew pregudizzju ghas-suespost, huwa dak relatat mal-piena erogata li bid-dovut rispett, anke jekk dina l-Ewwel Qorti hasset li kellha ssib il-htija fic-cirkostanzi hawn esposti, kienet wahda eccessiva.

Illi ghandu jinghad li l-esponent ghandu fedina penali netta u ghandu jitqies *a first time offender* ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi. Tenut kont tan-neboluzita` tal-provi migbura li ma jistax jinghad li ma jhallux dubju dettat mir-raguni dwar l-irwoll specifiku li l-appellant Briffa kellu f'dan l-incident kollu, marbut ukoll mal-fatt illi l-istess appellant huwa bniedem ta' kondotta tajba hafna – l-Ewwel Qorti ma kienet bl-ebda mod eskluza milli tikkonsidra forom ta' pieni alternattivi li filwaqt li jharsu l-interessi tas-socjeta` civili, tizgura wkoll li l-imputat illum appellant Briffa li sa issa kellu fedina penali intatta, ikun jista` jigi nkoraggit jibqa` fit-triq li huwa kien qieghed.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti Bernard Briffa essenzjalment imsejjes fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti u dan billi jidhirlu illi kien hemm nuqqas serju fl-investogazzjonijiet immexxija mill-pulizija li wassal sabiex provi essenzjali bhal-uniku xhud okulari Nicky McDougall ma tressqitx biex tixhed fil-qorti. Skont din ix-xhud kienu is-security guards impjegati mal-istabbiliment 'Steam' u mhux 'Clique' li kienu involuti fl-agressjoni li sehhet fuq z-zewg guvintur ta'

nazzjonalita taljana. Illi di piu' il-pulizija akkuzaw lill-appellanti u lil Briffa b'din l-aggressjoni billi dawn it-tnejn gew identifikati mill-vittmi f'*Identification Parade* meta kien jirrizulta illi kien hemm pluralita ta' aggressuri involuti f'dan l-incident. L-appellanti lanqas ma jigi identifikat fl-ebda wiehed mill-filmati CCTV elevati mill-pulizija u esebieti in atti. L-Ewwel Qorti, jishaq, ma setghet qatt tistrieh fuq l-identifikazzjoni maghmula mill-vittmi u dan billi dawn kienu serjament intossikati u kien hemm inkonsistenza fix-xhieda taghhom. Dan apparti l-fatt illi l-principji enuncjati mill-qrati penali dwar kif ghandha issir *identification parade* ma gewx osservati u allura tali identifikazzjoni ma ghandhiex ikollha valur probatorju. Kollha dawn l-aggravvji marbuta mal-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti meta giet biex issib htija fil-konfront tieghu ghar-reat tal-offiza gravi.

Ikkunsidrat,

Illi jibda biex jinghad illi gie mistqarr diversi drabi mill-qrati taghna, illi qorti ta' revizjoni qajla ghandha tqanqal l-apprezzament li jkun gie maghmul mill-Ewwel Qorti hlief meta jirrizultalha illi tali apprezament ikun wiehed erronji kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament. Illi huwa biss f'dawn ic-cirkostanzi illi din il-Qorti allura ghandha tiddisturba tali apprezzament. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa meta wiehed ighasar l-lanjanzi ventilati mill-appellanti ghar-rigward ta'l-apprezzament li gie maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi, fejn allura sabet lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-appellanti kien wiehed mill-aggressuri involuti fis-sinistru mertu tal-kaz, ghandu johrog illi l-ilment tieghu huwa wiehed u uniku u cioe' illi fil-fehma tieghu dan l-apprezzament kien wiehed erronju billi ma kienx hemm provi li setghu jindikaw illi huwa kien b'xi mod involut fil-glieda fejn spiccaw feruti l-parti leza. Issa ghalkemm l-appellanti fl-ewwel aggravvju minnu intentat jilmenta illi ix-xhud okulari McDougall, li qatt ma tressqet tixhed fil-Qorti,

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

kienet stqarret mal-pulizija illi l-incident kien ra t-twelid tieghu gewwa l-istabbiliment 'Steam' u li z-zaghzagh gew aggrediti mill-*bouncers* ta' dan l-istabbiliment biex allura jipprova jezonera ruhu mill-involviment tieghu, madanakollu huwa l-istess appellanti li meta jixhed fil-Qorti (billi fl-istqarrija jipprezenta stampa differenti) jammetti illi huwa fil-fatt kien gie in kuntatt ma' dawn iz-zewg zghazagh taljani Miano u Di Mauro meta gie avvicinat minn xi klijenti Maltin li bdew jilmentaw mieghu illi t-taljani kienu qed idejjquhom bl-imgieba taghhom. Bl-ghajnuna ta' Stpehen Catania, l-ko-akkuzat, huwa skorthom 'il barra mill-istabbiliment fejn kien jahdem u cioe' minn gewwa l-'Clique' u dan billi dehrlu li dawn kienu ser jaqilghu l-inkwiet fl-istabbiliment. Tant hu minnu li dawn iz-zewg taljani kienu jinsabu gewwa l-'Clique' fil-mument tal-incident u mhux gewwa l-'iSteam' kif allegat, illi anke Darren Vella li kien impjegat gewwa l-*cloakroom* jikkonferma illi kien gie wiehed mit-taljani ghal gkieket tieghu u ta' siehbu li ma setax isib il-biljett u billi hu insista mieghu li ried dan il-biljett dawn it-tnejn regghu dahhlu fl-istabbiliment biex isibuh, izda gew iktar tard u riedu jehduhom bil-forza izda l-appellanti u siehbu Catania zammewhom milli jaghmlu dan. Dan kollu ifisser allura illi iz-zewg taljani kienu jinstabu fl-istabbilment tal-'Clique' u gew in kuntatt kemm mal-appellanti kif ukoll mal-ko-akkuzat Catania, kif inghad. Jinghad izda illi l-appellanti u siehbu ma jaqqblux fil-verzjoni moghtija minnhom dwar dak li wassalhom biex jeskortaw lil dawn iz-zewg taljani 'il barra. Dan ifisser allura illi gustament l-Ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjoni illi l-appellanti kien wiehed minn nies involuti fl-aggressjoni billi mhux biss kien prezenti fil-post fejn sehhet l-konfrontazzjoni, izda ukoll jidher illi kien involut direttament meta beda jipprova irazzan lil dawn iz-zewg taljani biex johroghom 'il barra mill-istabbiliment. L-appellanti izda jinsisti illi hwua hareg lil dawn it-Tajani 'il barra u ghalkemm osserva illi barra il-kommozzjoni kienet qed tikber, huwa izda dahal 'il gewwa u kompla b'xogholu.

Dak imbaghad li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex issib reita fl-appellanti kien il-fatt illi saret identifikazzjoni mill-vittmi u dan meta saret l-*identification parade* mill-Inkwirenti. L-appellanti jishaq illi kien hemm diversi fatturi li jinnewtralizzaw din l-identifikazzjoni, fosthom li z-zaghzagh fil-kommozzjoni fejn kienu involuti diversi nies u fl-istat ta' sokor li kienu jinstabu fih difficilment setghu jippuntaw

subajghhom lejh. Dan apparti l-fatt illi fil-parata tefghuh ma' xi pulizija ohra u ma hadux sehem fiha il-*bouncers* ta'l-istabbilimenti l-ohra.

Illi sfortunatament, il-ligi taghna ma tirregolax il-mod kif ghandha issir *identification parade* ghajr ghal fatt illi din trid issir quddiem Magistrat u dan kif imfassal fl-artikolu 74 tal-Kap.164 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma tispecifikax per ezempju n-numru ta' persuni li ghandhom jiehdu sehem f'din il-parata, jekk din ghandhiex necessarjament issir bil-presenza fizika tal-persuni li jiehdu sehem fiha jew inkella permezz ta' sett ta' ritratti. Il-ligi Ingliza tirregola l-modalitajiet ta' kif ghandha issir din il-parata b'mod dettaljat tant illi sahansitra l-persuna suspettata fil-presenza ta'l-avukat tieghu ghandu jinghata dettalji dwar id-deskrizzjoni li x-xhud okulari jkun ghadda lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet[2]. Kif inghad izda il-ligi taghna dan kollu ma tirregolahx biex b'hekk l-unika regola li ghandha thares il-Qorti meta tigi biex tqies jekk dik il-parata tkunx wahda regolari, kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza, hija li tara jekk ittehdux il-prekawzzjonijiet kollha sabiex jigi evitat li issir "*a miscarriage of justice*".

Fuq kollox l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:

"*Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja.*"

"*Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti. Meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati .... Dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih*

[2] PACE Code D Annex B – Identification parades. www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/592562/pace-code-d-2017.pdf

*tkun attendibbli b'mod li* <u>*l-Gudikant tal-fatt*</u> *ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni."*[3] (sottolinjar tal-Qorti)

Issa minn ezami tal-atti tal-parati ta' identifikazzjoni li saru mill-Inkwirenti ghandu johrog illi taht idejhom il-pulizija kellhom diversi suspettati u mhux biss iz-zewg akkuzati. Dawn kienu *security guards* ohra li kienu prezenti dak in-nhar ta'l-incident u li kienu impjegati mhux biss mal-'Clique', izda ukoll ma'stabbilimenti ohra fosthom allura l-istabbiliment 'Steam'. Jidher illi saru erbatax-il parata fejn hadu sehem, apparti z-zewg akkuzati Catania u Briffa, *bouncers* ohra u cioe' Diego Micallef, Alan Saidon, Marco Bonnici, Neville Agius, Stephen Bonsfield, Mario Farrugia, Michael Mangion, Keith Galea u Raymond Teeling. F'dawn il-*line-ups*, (b'kollox erbatax) hadu sehem ukoll diversi ufficjali tal-pulizija fejn il-persuni involuti (disa' persuni f'kull wahda), kienu kollha lebsin l-istess abbiljament konsistenti f'*boiler suit*. Din il-parata saret fil-15 ta' Frar 2010 u cioe' hamest ijiem wara l-incident. Illi minn nies kollha li hadu sehem f'dawn il-*line-ups*, l-allegati vittmi identifikaw (b'mod separat) biss lill-appellanti u lil Stephen Catania. Jidher mix-xhieda tat-taljani illi huma kellhom fil-vista taghhom kemm qabel l-incident kif ukoll matul l-incident kemm lill-appellanti kif ukoll lil Stephen Catania fejn dawn it-tnejn ighidu li aggredewhom flimkien ma' ohrajn li madanakollu ma setghux jidentifikaw. Sahansitra anke wara l-incident wiehed minnhom u cioe' Luca Di Mauro baqa' izomm lill-akkuzati fil-vizwali tieghu billi isostni illi kienu tnejn minn nies li kaxxkru lilu u lil siehbu lejn l-istabbiliment Hugo's fejn hemmhekk telquhom feruti.

Dan ifisser allura illi l-Ewwel Qorti legalment u fattwalment setghet tistrieh fuq l-identifikazzjoni maghmula minn dawn it-tnejn minn nies ghaliex l-appellanti u l-ko-akkuzat tieghu kienu t-tnejn minn nies involuti direttament f'dan l-incident, kif inghad, kemm qabel ma inqalghet il-konfrontazzjoni, kemm fil-waqt taghha, kif ukoll wara biex b'hekk il-vittmi taghhom setghu facilment jidentifikawhom ghalkemm jidher illi kien hemm nies ohra li involvew rwiehom f'dina l-aggressjoni sabiex jaghtu lill-appellanti u lil siehbu daqqa t'id! Il-fatt li dawn iz-zewg taljani setghu kienu xurbana ma ifissirx illi dawn ma kenux f'sensiehom ghalkemm is-sensi

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) - Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) ; ara ukoll Appell Kriminali – Il-Pulizija vs. Massimo Caruso, deciza fis-17 ta' Marzu 2008

taghhom setghu kienu inibiti minhabba f'dan il-fatt. Fuq kollox l-appellanti stess jindika fir-rikros ta'l-appell b'mod partikolari dak li jixhed in-nurse Christian Spiteri li ta l-ewwel ghajnuna lil dawn iz-zewg zghazagh li isostni illi fuq il-post huma dehru f'sensiehom u lucidi. Illi madanakollu li kieku verament kien il-kaz, kif jikkontendi l-appellanti, illi dawn in-nies ma kenux f'sensihom, meta, xi ftit jiem wara, ipprezentati quddiemhom diversi nies, fosthom numru li kienu prezenti fuq ix-xena tas-sinistru f'dik il-lejla, kienu juru titubanza jew inkella addirttura jitfixxklu b'wiehed jindika persuna u l-iehor jindika ohra. Izda dan ma sehhx u ghalkemm l-parti leza ma kienux jafu lill-aggressuri taghhom qabel l-incident, it-tnejn li huma b'mod separat kienu kapaci jidentifikaw l-istess zewg persuni fid-diversi *line-ups* li saru. Din il-Qorti ghalhekk ma issib l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-fehma ghaqlija milhuqa mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex huwa indubitat illi iz-zewg taljani Di Mauro u Miano kienu involuti f'aggressjoni billi sofrew diversi griehi kif jirrizulta mix-xhieda tad-diversi tobba li ikkurawhom. Dawn il-griehi kienu kollha kompatibbli ma' daqqiet bis-sahha konsistenti fi ksur, abrazjonijiet, tbengil fost ohrajn, griehi li jindikaw kollha li sehhet aggressjoni bil-forza. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi sehhet konfrontazzjoni bejn dawn iz-zewg taljani u l-appellanti u siehbu Catania li bdew jippruvaw johorgu lil dawn iz-zewg zghazagh mill-istabbiliment fejn kienu jahdmu bhala *security guards* jew kif inhuma maghrufa *bouncers*, meta dawn gieghluhom jitilqu mill-post. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi l-incident sehh gewwa l-istabbiliment 'Clique' billi it-taljani fl-ebda hin ma ighidu li marru gewwa l-istabbiliment 'Steam' u isemmu biss li qabel ma' irhewlha lejn 'Clique' huma kienu jinsabu gewwa l-sitabbiliment 'Fuego'. Dawn iz-zewg taljani jidentifikaw it-tnejn li huma b'mod separat meta issir l-*identification parade*, lill-appellanti u lill-ko-akkuzat l-iehor Catania u ma jidentifikawx lill-*bouncers* l-ohra li ukoll hadu sehsm fl-*identification parade*. Illi sewwa ghamlet allura l-Ewwel Qorti meta tat piz lix-xhieda tal-parti leza u mhux lil dik ta'l-appellanti u ghalhekk l-aggravvju marbut ma'l-apprezzament tal-provi qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti iressaq lanjanza ohra sussidjarja ghal dik marbuta mal-apprezzament tal-provi meta jilmenta illi ma hemmx prova illi l-griehi sofferti mill-parti leza kienu griehi gravi fit-termini ta'l-artikolu 216(1)(b) billi ma giex ippruvat illi l-lacerazzjoni

li soffrew f'wicchom hallielhom marka permanenti. Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid ix-xhieda tat-tobba u konsulenti li kienu involuti fil-kura li ircevew iz-zghazagh taljani wara l-agressjoni subita minnhom. Fost id-diversi griehi li sofrew jidher illi kien hemm lacerazzjonijiet fil-wicc li kien jenhtiegilhom il-punti. Issa l-appellanti jikkontendi illi ma hemmx provi fl-atti li jindika illi il-lacerazzjonijiet subiti hallew xi marka permanenti fil-wicc konsistenti fi sfregju biex b'hekk qed ifixkel dak li huwa sfregju fil-wicc mal-mankament fil-wicc u ukoll il-klassifikazzjoni tal-gravita tal-ferita subita. Dan ghaliex "***l-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici Kriminali.***[4]" Fuq kollox l-"***sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin[5]."*** Inghad ukoll illi "***Jekk l-isfregju jkunx semplici jew gravi u permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfregju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm dik ic-cikatrici[6]."***

Illi huwa indubitat kif inghad illi Miano u Di Mauro kellhom lacerazzjonijiet fil-wicc li kien jenhtiegilhom il-punti, liema feriti ma kenux ta' xi qies negligibbli, lkoll 'il fuq minn 3 centimetri. Dan ifisser allura illi dawn ghamlu marka fil-wicc u ghalkemm huwa minnu illi ma hemmx prova illi din il-marka setghet kienet wahda permanenti, madanakollu kfi inghad, dan ma huwiex mehtieg ai fini ta' reita' abbazi ta'l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, izda semmai kienet tirrendi r-reat iktar gravi. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi michud

Illi fl-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti li jikkoncerna l-applikabbilita ta'l-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali, jishaq illi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti malament applikat dan l-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar ir-rissa u li ma kienx gie indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Illi jinghad minnufih

[4] Il-Pulizija vs Fortunato Sultana – App. Inf 05/02/1998
[5] Il-Pulizija vs Paul Spagnol – App.Inf. 12/09/1996
[6] Il-Pulizija vs Emily Zarb – App.Inf. 15/02/1958

illi din il-lanjanza ma tistax tigi akkolta. Dan ghaliex huwa mghallem fil-gurisprudenza illi:

***"Meta ... ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.[7]"***

Huwa pacifiku allura li meta l-Avukat Generali jibghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni biex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati, l-unika haga li biha tkun vinkolata dik il-Qorti hija illi m'ghandhiex aktar tikkunsidra li mill-fatti tista' tislet xi reat iehor mhux indikat mill-Avukat Generali li hu ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali. Il-Qorti tal-Magistrati izda tibqa' libera ghal kull haga ohra. Kwindi ma hemm xejn x'josta lill-Ewwel Qorti gjaldarba saret kompetenti li tiddeciedi l-kawza illi issib htija ghar-reat tal-offiza gravi meta din tkun giet ikkagjonata f'rissa billi r-reat jibqa' l-istess u cioe' dik ta'l-offiza gravi u l-applikazzjoni ta'din id-disposizzjoni tal-ligi ma jbiddel xejn minn natura tieghu b'dan illi fic-cirkostanzi hemmhekk indikati l-awtur jehel piena inqas. Dan l-aggravvju ghalhekk ukoll qed jigi michud.

Jifdal biex jigu trattati l-ahhar zewg aggravvji, wiehed marbut mas-sejbien ta' htija ghar-reat ikkontemplat fil-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u l-iehor marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi l-appellanti jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova, u cioe' rapprezentant tal-ETC, sabiex jixhed dwar l-impjieg ta'l-appellanti. Di piu mix-xhieda ta' Ronald Axisa jirrizulta illi l-*job description* ta'l-appellanti huwa bhala *customer care* u mhux *security* fl-istabbiliment u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega

[7] Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 07/12/2001 App.Krim

ghal din il-licenzja. Illi ibda biex ix-xhieda ta' Axisa ma tistax titwemmen. Dan ghaliex mill-agir ta'l-appellanti f'dan l-incident ghandu johrog illi huwa kien qed jipprovdi servizzi bhala *security guard* u mhux *customer care* billi jidher illi l-manzjonijiet tieghu fl-istabbiliment kienu li jipprovdi l-ordni u mhux li jassisti lill-klijenti. Dan ifisser allura illi sabiex jaghmel dan ix-xoghol kien jenhtieg li ikollu licenzja valida mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-termini ta' dak li jipprovdi il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, liema licenja irrizulta illi ma kienx jipposjedi u li x'aktarx minhabba f'din ir-raguni inghata il-*job description* bhala *customer care* mill-principal tieghu. Dan ifisser illi l-akkuza tirrizulta ippruvat u dan l-aggravvju ukoll qed jigi rigettat.

Illi fir-rigward tal-piena ta' xahrejn prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti flimkien ma' multa ta' elf ewro, l-appellanti jidher li qed jilmenta mhux daqstant mill-*quantum* tal-piena izda mill-fatt illi l-Ewwel Qorti kellha tikkomina piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva, tenut kont tal-fedina penali nadifa tieghu. Illi ghalkemm din il-Qorti tistqarr illi l-piena erogata kienet wahda gusta u fil-parametri tal-ligi, madanakollu ma tistax tinjora is-*social enquiry report* imhejji f'dan l-istadju ta' revizjoni mill-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud. Jidher illi l-appellanti tilef lill-genituri tieghu ta'l-eta tenera ta'seba snin u trabba minn nanna materna tieghu. Dan halla marka negattiva fuq it-tfulija tieghu. Illum izda jidher illi l-appellanti huwa mizzewweg u ghandu familja. Ghandu hajja stabbli u impjieg regolari. Di piu' martu ghandha bzonn l-ghajnuna tieghu fil-hajja ta' kuljum minhabba problemi f'sahhitha. L-Ufficjal tal-Probation tikkonkludi hekk:

"Jinhass il-bzonn li Bernard Briffa jibqa izomm l-istil ta' hajja stabbli li huwa ghandu, kemm fejn tidhol il-familja, kif ukoll fl-aspett tax-xoghol"

Illi tenut kont ta' din ir-rakkomandazzjoni, ghalkemm jerga jigi ribadit illi l-piena erogata kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, madanakollu billi l-inkarcerazzjoni ghal terminu qasir ser tkun ta' detriment ghall-appellanti u ma hijiex ser tghinu biex jirriforma ruhu, u biex jigi evitat ir-ripetizzjoni ta' reati simili, l-Qorti ser tbiddel it-terminu ta' inkarcerazzjoni f'perijodu ta' probation fil-massimu tieghu biex b'hekk l-appellanti jkollu l-appogg ta' nies professjonali jekk ihoss li jenhtieg dik l-ghajnuna.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-mertu u cioe' fejn l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellanti mill-ewwel imputazzjoni u sabitu hati tal-kumplament, tirriforma l-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-appellanti taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €1000.

Il-Qorti twissi lill-appellanti bil-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' Probation jew jekk jonqos milli joqghod ghall-Ordni imposta fuqu illum.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur